MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 20/2004/1

**CHAMPS MEDITERRAIN LIMITED u Terra Mediterranea Limited**

**vs**

**DIRETTUR TAL-ARTIJIET, Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, Avukat Ġenerali tar-Repubblika, u Reġistratur tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta' Lulju, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ż-żewġ kumpanniji rikorrenti talbu (a) li jitqies li l-artikoli 5 u 7 tal-Att IV tal-1992 dwar Il-Proprjeta' tal-Entijiet Ekkleżjastiċi u kif ukoll l-artikolu 10 tal-Kapitolu 296 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru l-jeddijiet tagħhom fondamentali kif imħarsin bl-artikoli 39(2) u 39(3) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem

u tal-Libertajiet Fondamentali, u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni; (b) li jiġu dikjarati ma jiswewx l-imsemmija artikoli 5 u 7 tal-Att IV tal-1992, u l-artikolu 10 tal-Kapitolu 296 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ċ) li jingħataw ir-rimedji kollha xierqa biex jiżguraw it-twettiq tad-drittijiet fondamentali tal-istess kumpanniji rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2004, li bih qegħdet il-kawża għas-smigħ għall-15 ta' Lulju, 2004;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati flimkien fl-14 ta' Lulju, 2004, li biha huma laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi ressqu għadd ta' eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari. Bdew biex qalu li l-Avukat Ġenerali ma jmissux ġie mħarrek għaliex m'huwiex postu fil-kawża, ladarba l-Gvern jinsab rappreżentat kif jixraq mill-intimati l-oħrajn. Qalu li l-Qorti jmissha tagħżel li ma tismax il-kawża billi r-rikorrenti għandhom rimedju ieħor ordinarju li jistgħu jfittxu minflok ir-rimedju kostituzzjonali, jew li tiddikjara li din l-azzjoni hija waħda fiergħa u vessatorja. Qalu wkoll li l-ebda waħda mill-kumpanniji rikorrenti m'għandha interess biex jiftħu din il-kawża, billi minn kulma seħħ s'issa, ma hemm l-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali li jista' għandhom. Qalu wkoll li l-azzjoni saret qabel waqtha, billi kull kwestjoni dwar it-titolu tal-art li għaliha tirreferi l-kawża għadha miftuħa, u wkoll billi dak li jipprovdi l-artikolu 5 tal-Kapitolu 358 tal-Liġijiet ta' Malta mhux ta' ħsara għall-jeddijiet ta' terzi. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-intimat Reġistratur m'huwiex qorti jew tribunal li jiddeċiedi finalment dwar drittijiet ċivili u għalhekk f'dak li għandu s-setgħa li jagħmel bil-liġi ma japplikawx il-ħtiġijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar smigħ xieraq u pubbliku minn qorti imparzjali. Qalu li l-ebda wieħed minnhom ma jista' jitqies bħala qorti jew awtorita' oħra aġġudikanti mwaqqfa b'liġi u lanqas ma huma xi tribunal. Jiċħdu li jista' jgħodd għall-każ l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, għaliex lir-rikorrenti ma tteħdilhom l-ebda ġid u billi waħda mill-kumpanniji rikorrenti kienet irreġistrat xi kawzjonijiet fuq l-art, huma kellhom kull opportunita' li jressqu t-talba tagħhom quddiem Qorti kompetenti biex tisma' u tqis l-ilment tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Lulju, 2004, li bih ordnat li qabel kull ħaġa oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel ħames eċċezzjonijiet preliminari mqanqlin mill-intimati;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fil-5 ta' Novembru, 2004[1], dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari tagħhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fl-20 ta' Jannar, 2005[2], bi tweġiba għal dik magħmula mill-intimati;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2005, li biha u fuq talba tal-avukat tal-intimati, tat lill-istess intimati aktar żmien biex iqisu s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri mressqa mill-intimati fil-11 ta' Mejju, 2005[3];

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Mejju, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel ħames eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni fejn ir-rikorrenti qegħdin jikkontestaw reġistrazzjoni ta' titolu favur il-Gvern ta' Malta mogħtija dwar art fil-limiti tas-Swieqi li huma jgħidu li kienu xtraw u li hija tagħhom. Jgħidu li l-intimat Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, f'isem il-Gvern ta' Malta, talab għar-reġistrazzjoni f'ismu tat-titolu għall-imsemmija art b'effett

[1] Paġġ. 72-5 tal-proċess
[2] Paġġ. 78 sa 85 tal-proċess
[3] Paġġ. 88 sa 91 tal-proċess

restrospettiv għal madwar għaxar snin qabel, u li l-intimat Reġistratur tal-Artijiet laqa' dik it-talba bi ħsara għat-titolu li huma kellhom fuq dik l-art. Jgħidu li dan sar bi ħsara għall-jedd tagħhom ta' smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali kif imħares mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u wkoll mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, billi l-proċedura maħsuba għar-reġistrazzjoni ta' titolu dwar art bħal dik tiżvantaġġahom bħala sidien privati u wkoll minħabba li l-Gvern għandu dritt jirreġistra art fejn jidhirlu hu;

Illi l-kumpannija rikorrenti Champs Mediterrain Limited kisbet l-imsemmija art mingħand kumpannija oħra (Spiteri Holdings Limited) b'erba' kuntratti ta' xiri u bejgħ li saru fl-erbgħa (4) ta' Ġunju, 2003[4]. Filwaqt li l-kumpannija rikorrenti l-oħra Terra Mediterranea Limited kisbet bnadi oħra tal-istess art bis-saħħa ta' kuntratt ta' xiri u bejgħ, mingħand l-istess bejjiegħ (Spiteri Holdings Limited) b'kuntratt tal-ħmistax (15) ta' Lulju, 2002[5]. L-intimat Direttur tal-Uffiċċju Konġunt talab li ssir ir-reġistrazzjoni tal-art "Ta' Ġiakondu", fis-Swieqi, fit-22 ta' Mejju, 2003[6], f'isem id-Dipartiment tal-Artijiet. Talab li din ir-reġistrazzjoni ssir bis-saħħa tal-Att IV tal-1992[7] u dan b'seħħ mit-18 ta' Frar, 1993, jiġifieri l-jum meta dak l-Att jitqies li daħal fis-seħħ bħala l-"jum stabilit"[8];

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, minbarra dawk fil-mertu. Din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel ħamsa mill-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari. Il-Qorti sejra tqishom fl-ordni li tressqu;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-intimat Avukat Ġenerali ma huwiex il-leġittimu kuntradittur** tal-azzjoni mibdija mir-rikorrenti, l-intimati jistrieħu fuq dak li jipprovdi l-artikolu 181B(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid li l-Avukat Ġenerali jidher għall-Gvern f'dawk l-atti u

---

[4] Dokti "A", "B", "Ċ" u "D", f'paġġ. 7 sa 41 tal-proċess
[5] Dok "E", f'paġġ. 43 sa 51 tal-proċess
[6] Dok "F", f'paġġ. 52-3 tal-proċess
[7] Kap 358 tal-Liġijiet ta' Malta
[8] A.L. 57 tal-1993

kawżi li, minħabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern. Huma jgħidu li, f'din il-kawża, ma kienx hemm għalfejn jitħarrek l-Avukat Ġenerali għaliex il-kawża biżżejjed tkun saret kontra t-tliet intimati l-oħrajn;

Illi għal din l-eċċezzjoni, ir-rikorrenti jilqgħu billi jisħqu li l-intimat Avukat Ġenerali ma jistax jinħareġ mill-kawża għaliex it-tliet intimati l-oħrajn ma jistgħux iwieġbu għal uħud mill-ilmenti magħmula fir-rikors promotur. Minbarra dan, fit-tieni Nota tagħhom[9], huma jżidu jgħidu li jekk allura huwa minnu li l-intimat Avukat Ġenerali biss għandu jwieġeb għall-azzjoni promotriċi, dan ifisser li l-intimati l-oħrajn jiġu li ġew imħarrkin għalxejn;

Illi dwar dan, il-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, kif sewwa issottomettew ir-rikorrenti, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[10]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni[11];

---

[9] Paġ. 88 tal-proċess

[10] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[11] P.A. Kost. RCP **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Brincat et vs Avukat Ġenerali et***

Illi fil-każ li għandna quddiemna, m'huwiex minnu li r-rikorrenti qegħdin jgħidu li l-Avukat Ġenerali huwa l-uniku leġittimu kontradittur. Qegħdin jgħidu li, f'xi wħud mit-talbiet, ma jistax ma jkunx ħlief hu li jwieġeb għall-ilment kostituzzjonali. Huwa minnu li kulma sar u dak kollu li minnu r-rikorrenti jilmintaw seħħ b'xi mod bl-għamil tat-tliet intimati l-oħrajn, imma r-rimedju mitlub mir-rikorrenti (l-aktar dak imsemmi fit-tieni talba tagħhom) irid iwieġeb għalih biss il-Gvern. Jista' jkun li l-intimati jkunu mxew b'reqqa ma' kulma titlob il-liġi, imma jekk il-liġi tkun l-għajn tal-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali, ir-rimedju ma jkunx li jiċċanfru l-intimati Diretturi, imma li l-liġi titqies ma tgħoddx;

Illi f'din l-ipoteżi, il-Gvern ikun irid iwieġeb u jirrimedja. F'każ bħal dan, jidħol jgħodd sewwasew dak li jipprovdi l-artikolu 181B(2) tal-Kap 12, għaliex f'ċirkostanza bħal dik, l-intimati l-oħrajn ma jidħlux. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li meta l-imsemmi artikolu ddaħħal fil-Kodiċi fil-bidliet li saru fil-liġi proċedurali fl-1995, l-għan tal-leġislatur kien dak li ma jħallix aktar kwestjonijiet ta' xejra preliminari dwar min għandu jidher għall-Gvern, ixekklu l-mixi 'l quddiem tas-smigħ tal-kawżi fil-mertu. Jidher li dan il-għan għadu sal-lum ma nftehemx għal kollox;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali u sejra tiċħadha;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-Qorti tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-kawża**, l-intimati jibnu din l-eċċezzjoni fuq l-argument li r-rikorrenti kellhom rimedji oħra ta' xejra "ordinarja" li fuqhom setgħu talbu l-għoti ta' rimedju, qabel ma rrikorrew għal din il-kawża. Biex isaħħu dan l-argument, l-intimati jgħidu li kemm hu hekk, il-kumpanniji rikorrenti kienu fetħu kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sewwasew dwar it-titolu tal-art mertu tal-każ[12];

[12] Ċitazz. Nru. 794/03GCD li marret *sine die* fis-7 ta' April, 2004, sakemm tingħata sentenza fil-kawża Ċitazz.Nru. 489/04GC, li nfetħet fit-2 ta' Lulju, 2004, jiġifieri dak inhar li l-istess rikorrenti fetħu din il-kawża

Illi r-rikorrenti jwarrbu wkoll din l-eċċezzjoni minħabba li jisħqu li l-intimati ma qalux liema huma r-rimedji oħrajn ordinarji li r-rikorrenti messhom fittxew. Iżidu jgħidu wkoll li l-fatt li hemm kawżi pendenti quddiem il-Qrati dwar il-kwestjoni tat-titolu, ma jfissirx li dawn se' jsolvu l-qofol tal-ilment kostituzzjonali tagħhom. Dan għaliex l-ilment tar-rikorrenti jinsab fid-dispożizzjonijiet infushom ta' liġi ordinarja u speċjali u mhux fil-kwestjoni dwar jekk għandhomx titolu għall-art in kwestjoni. Minbarra dan, jgħidu li l-istedina biex il-Qorti ma tużax is-setgħat tagħha "kostituzzjonali" biex tisma' kawża m'hijiex ordni lil dik il-Qorti, imma okkażżjoni fejn dik il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tqis jekk għandhiex tilqa' stedina bħal dik. Il-Qorti m'għandhiex tilqa' dik l-istedina jekk kemm-il darba ma tkunx tal-fehma sħiħa li tassew jeżisti rimedju ieħor ordinarju lill-parti rikorrenti minbarra l-kawża kostituzzjonali;

Illi minħabba li r-rikorrenti qegħdin iressqu l-ilment tagħhom kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, joħroġ li l-eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-tnejn jużaw l-istess kliem għalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-użu tad-diskrezzjoni tagħha[13];

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq

[13] Ara Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**)

quddiemha[14]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li xorta waħda ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[15];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[16]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[17];

---

[14] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[15] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[16] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[17] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[18]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[19];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma'

[18] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[19] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[20]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[21]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[22];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[23]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[24];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, il-Qorti tqis li waħda mit-talbiet tal-kumpanniji rikorrenti, jiġifieri t-tieni waħda, ma tista' titressaq bl-ebda proċedura oħra quddiem l-ebda Qorti oħra jekk mhux din. Hija biss permezz ta' kawża ta' xejra "kostituzzjonali"[25] li liġi tista' titqies li tikser xi jedd fundamentali ta' persuna. Naturalment, il-ksur tad-dritt irid ikun vestit fil-persuna li tressaq il-kawża, li jkollha tipprova wkoll kif imiss l-ilment tagħha. Imma l-effett ta' liġi li

---

[20] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[21] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[22] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[23] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[24] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[25] Sakemm wieħed ma jaħsibx ukoll fl-azzjoni popolari taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, li, madankollu, ma tirreferix biss għal-liġijiet li jingħad li jiksru xi jedd fundamentali, imma għal kull liġi.

jinstab li tikser xi dritt fundamentali huwa wieħed radikali għal-liġi nnifisha, għaliex tkun tolqot il-qagħda ta’ kull min, minħabba t-tħaddim tagħha, jintlaqat ħażin u m’għandux ħarsien minnha;

Illi l-intimati jisħqu ħafna li sakemm jiġi determinat (minn Qorti li qegħda tisma’ kawża oħra) min tassew għandu t-titolu għall-art in kwestjoni, il-kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali ma tistax tinqata’. Il-Qorti ma taħsibhiex bħalhom, għaliex għalkemm hi m’hijiex imsejħa biex tiddeċiedi l-kwestjoni (x’aktarx ukoll għaliex deċiżjoni bħal dik taqa’ fil-kompetenza tal-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża l-oħra), sakemm dik il-kwestjoni tkun maqtugħa lanqas jista’ jingħad li l-kumpanniji rikorrenti m’għandhomx dak it-titolu ladarba l-kuntratti pubbliċi li ressqu mar-rikors jidhru li jagħtuhom it-titolu tal-proprjeta’ u, b’konsegwenza, il-jedd li jitolbu r-reġistrazzjoni ta’ dak it-titolu;

Illi, fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li tkun qegħda tfarfar minn dmirijietha jekk kemm-il darba kellha taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha biex tisma’ l-kawża. Kulma jkun qiegħed isir, x’aktarx, hu li l-kwestjoni tkun qegħda titħalla għal aktar ’il quddiem biex titressaq f’kawża oħra. Dan ikun biss posponiment ta’ xi ħaġa li, darba jew oħra, wieħed irid iseffaq wiċċu magħha: ikun bħall-knis tal-għabra taħt it-tapit, u mhux ħelsien mit-trabijiet. Dan m’huwiex l-ispirtu li fih għandha tiġi eżerċitata d-diskrezzjoni maħsuba mill-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319;

Illi, għalhekk, il-Qorti m’hijiex sejra tilqa’ din l-eċċezzjoni;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-kawża hija waħda fiergħa u vessatorja** l-intimati jgħidu li din toħroġ miċ-ċirkostanza li l-kumpanniji rikorrenti għażlu li jiftħu kawża kostituzzjonali meta kienu ressqu wkoll kawżi “ordinarji” fuq l-istess mertu;

Illi r-rikorrenti jwarrbu dan l-argument billi jgħidu li l-qofol tal-kwestjoni kostituzzjonali mqanqla minnhom tinsab fil-fatt li l-liġi tagħti lill-Gvern il-jedd li jitlob ir-reġistrazzjoni tat-titolu ta’ artijiet partikolari b’effett li jmur lura fiż-żmien,

u li dan il-jedd m'huwiex mogħti lill-privat. L-ebda proċedura meħuda minnhom s'issa f'kawżi oħra li fetħu kontra l-istess intimati ma jistgħu jistħarrġu dan l-ilment fondamentali;

Illi huwa aċċettat li, bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser li kwestjoni hija ta' ebda preġju jew siwi u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; filwaqt li bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwestjoni tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra[26]. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika li l-kwestjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher "vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni"[27];

Illi ta' min jirrileva li l-eċċezzjoni taħt eżami f'din il-kawża tressqet bħala waħda preliminari, u għalhekk il-Qorti se' jkollha tqisha fid-dawl ta' dak biss li jidher mill-atti, fis-sens ta' jekk, mad-daqqa t'għajn, il-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent tikkwalifikax bħala waħda sempliċement frivola u vessatorja fis-sens li għadu kif ġie mfisser. Dan qiegħed jingħad għaliex huwa possibbli wkoll (u mhux l-ewwel darba li dan seħħ) li Qorti waslet għall-fehma li l-kwestjoni kienet waħda fiergħa u vessatorja **wara** li kienet stħarrġitha fil-mertu, jiġifieri lil hinn minn sempliċi apprezzament tal-atti proċesswali mal-lemħa. Tant li l-fatt waħdu li Qorti tkun qieset fit-tul u fil-qofol il-materja milquta mit-talba u mbagħad tiddikjara dik it-talba bħala waħda fiergħa jew li ddejjaq ma jġibx dik is-sentenza bħala waħda kontradittorja jew awtomatikament sindakabbli minn qorti tat-tieni grad[28];

Illi għar-raġunijiet diġa' msemmijin aktar 'il fuq, din il-Qorti ssib li l-kwestjoni mqanqla mir-rikorrenti ma tista' bl-ebda mod titqies bħala waħda li lanqas għandha x-xamma ta' materja li titlob stħarriġ minn Qorti ta' din il-kompetenza.

---

[26] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)
[27] Kost. **10.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.126**)
[28] Ara Kost. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Reġistratur tal-Qorti et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.4**)

Biss biss, ix-xilja li liġi partikolari tagħti lill-Gvern vantaġġ fuq l-interessi tal-privat jew li tagħtih benefiċċju li m'huwiex miftuħ għall-individwu, hija minnha nfisha raġuni tajba biex il-Qorti tistħarriġha sewwa;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' lanqas l-imsemmija eċċezzjoni;

Illi **dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess fir-rikorrenti**, l-intimati jfissru din l-eċċezzjoni tagħhom fuq il-ħtieġa li f'kawża bħal din, min iressaq ilment quddiem din il-Qorti irid ikun il-persuna li ġġarrab jew sejra ġġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali li diġa' huwa tagħha. L-intimati jargumentaw li, ladarba l-kwestjoni tat-titolu għall-art mertu tal-każ għadha qegħda tiġi mistħarrġa quddiem Qorti f'kawża, ma jistax jingħad li r-rikorrenti għandhom interess dwar titolu li għadu kontestat;

Illi r-rikorrenti jwarrbu din l-eċċezzjoni għaliex iqisu li l-fatt waħdu li l-intimati (fil-kawżi l-oħrajn) qegħdin jikkontestaw it-talbiet tagħhom, joħloq minnu nnifsu l-interess ġuridiku biex iressqu din il-kawża;

Illi, filwaqt li l-ħtieġa li persuna li tressaq kawża għandu jkollha l-interess ġuridiku meħtieġ hija aċċettata minn kulħadd, ukoll f'kawża ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali, dan l-interess m'għandux jinftiehem biss fis-sens dejjaq tradizzjonali li bih dejjem kien definit l-"interess ġuridiku". Min-naħa waħda, il-Kostituzzjoni diġa' tipprevedi li l-jedd tal-azzjoni għal rimedju kontra ksur ta' jedd fundamentali jitnissel imqar jekk il-ksur tal-jedd ikun għadu ma seħħx[29]. Dan iġib miegħu bidla fit-tifsira tal-element tal-attwalita' li kien wieħed mit-tliet elementi kardinali tal-kunċett tal-"interess ġuridiku". Issa f'każ fejn liġi (jew it-tħaddim tagħha) jiġi allegat li sejra jew qegħda tikser jedd fundamentali ta' persuna partikolari li ma tkunx il-Gvern, l-interess biex wieħed iressaq kawża b'ilment dwar dik il-liġi jieħu xejra wiesgħa u diffuża li tixxiebah ma' azzjoni kollettiva ("*class action*") li tiġbor fiha interessi ġenerali mqar potenzjali. F'każ bħal dan, jidher li l-Qrati

[29] L-Art. 46(1) tal-Kostituzzjoni tuża l-frażi "tkun ġiet, tkun qed tiġi **jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura**"

għandhom jagħrfu li din ix-xejra usa' tal-interess ġuridiku taqa' sewwa fil-għan li kull kawża kostituzzjonali jew konvenzjonali hi maħsuba li tilħaq – jiġifieri dak tal-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali ta' kull individwu u tal-kollettivita' in ġenerali mill-abbużi jew l-eċċessi tal-Gvern fil-friegħi kollha tiegħu jew tal-funzjonarji tiegħu;

Illi fil-każ li għandna quddiemna, mbagħad, iż-żewġ kumpanniji rikorrenti jidher li għandhom l-interess meħtieġ biex iressqu l-ilment tagħhom. Bħalma ngħad aktar qabel, huma jidher li għandhom titolu x'juru dwar l-art milquta bil-proċess tar-reġistrazzjoni. Sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni minn xi Qorti li tgħid mod ieħor, dak it-titolu joħroġ *extra omnes* bil-fatt li huwa reġistrat f'att pubbliċi nutarili li ġew insinwati fir-Reġistru Pubbliku. Mhux hekk biss, imma jekk it-tiġrib li r-rikorrenti qegħdin jallegaw li għaddejjin minnu sewwasew fil-proċess li bih huma qegħdin jitolbu li t-titolu jiġi reġistrat f'isimhom ġej mill-fatt li l-liġi tidher li ma tittrattax lill-Gvern (bħala sid ta' ċerti artijiet) u lill-privat l-istess, allura l-interess li tiġi attakkata dik il-liġi joħroġ aktar fid-dieher;

Illi għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni ma tidher f'postha, u l-Qorti m'hijiex sejra tilqagħha;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-kawża tressqet qabel waqtha**, l-intimati jorbtuha wkoll mal-fatt li t-titolu għall-art in kwestjoni għad irid jiġi determinat minn Qorti fil-kawża "ordinarja" li tressqet mill-istess rikorrenti. Huma jgħidu li ma jagħmilx sens li r-rikorrenti ressqu l-azzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom qabel ma stennew kif sejra tintemm il-kwestjoni dwar jekk huma għandhomx tassew titolu għall-art mertu tal-każ. Fi kliem ieħor, l-intimati jgħidu li qabel ma jkun determinat "il-punt ċivili", ma hemmx lok li jiġi mistħarreġ l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali tal-allegat ksur;

Illi r-rikorenti jwarrbu din l-eċċezzjoni wkoll għar-raġunijiet miġjuba f'dik dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku;

Illi xieraq jingħad li eċċezzjoni bħal din li hija ta' għamla dilatorja u għalhekk għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-

bidu tal-kawża[30]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-intimati li jikkonvinċu lill-Qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor.* Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[31]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita' huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;

Illi f'dan ir-rigward ta' min jgħid li, f'każijiet ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-eċċezzjoni tal-intempestivita' tal-azzjoni trid tgħaddi wkoll minn għarbiel ieħor ifjen. Dan jingħad għaliex azzjoni bħal din ukoll tista' titressaq qabel ma jkun seħħ ksur ta' jedd bħal dan. Fil-każ li għandna quddiemna, il-fatt waħdu li l-intimati eċċipjenti jorbtu l-intempestivita' mal-kawżi li għadhom pendenti quddiem il-Prim'Awla ma jġibx li din il-kawża tressqet qabel waqtha, għaliex lanqas jista' jingħad li kulma qiegħed jintalab f'din il-kawża se' jkun mistħarreġ f'dawk il-kawżi;

Illi għal dawn il-konsiderazzjonijiet ukoll l-eċċezzjoni li l-azzjoni nfetħet qabel il-waqt ma tistax tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel ħames eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimati, billi ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra l-istess intimati; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu.

**Moqrija**

---

[30] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[31] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------